MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 54/2015LM

**Kurt Galea Pace (K.I. nru. 0243667(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Kummissarju għat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Kurt Galea Pace (K.I. nru. 0243667(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz

tagħha ddeċieda r-rikors tiegħu fil-konfront tal-intimat il-**Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud** [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju appellat'] kif ġej:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u jiddikjara li l-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħurġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.02.09-31.12.09, 01.01.10-31.03.10, 01.04.10-30.06.10, 01.07.10-30.09.10, 01.10.10-31.12.10, 01.01.11-31.03.11, 01.04.11-30.06.11, 01.07.11-30.09.11, 01.10.11-31.12.11, 01.01.12-31.03.12, 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.04.13-30.06.13, 01.07.13-30.09.13, huwa irritu u null in kwantu tardiv u konsegwentement jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni a tenur tal-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell.*
>
> *L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tar-Rikorrent.*
>
> *Ai termini tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi komunikata lir-Rikorrent"*

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw id-diversi stimi maħruġa mill-Kummissarju appellat fil-konfront tal-appellant fir-rigward tal-perijodi ta' taxxa 01.02.09-31.12.09, 01.01.10-31.03.10, 01.04.10-30.06.10, 01.07.10-30.09.10, 01.10.10-31.12.10, 01.01.11-31.03.11, 01.04.11-30.06.11, 01.07.11-30.09.11, 01.10.11-31.12.11, 01.01.12-31.03.12, 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.04.13-30.06.13, 01.07.13-30.09.13, fejn l-imsemmi Kummissarju appellat talab il-ħlas tas-somma ta' €100,538.19 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud, €20,317.65 rappreżentanti penali amministrattivi, u €12,028.65 rappreżentanti mgħax, b'kollox €132,884.49.

## Mertu

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' rikors fil-25 ta' Settembru, 2015, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex jogħġbu -

> *"...jilqa' l-appell odjern u (i) jħassar u jirrevoka l-imsemmija stejjem kif magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kif ukoll (ii) iħassar u jirrevoka,* in toto jew in parte, *il-penali amministrattivi u l-imgħaxijiet imposti fuq l-appellanti mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat."*

4. Il-Kummissarju appellat wieġeb fid-19 ta' Ottubru, 2015, fejn filwaqt li eċċepixxa li l-appell intavolat mill-appellant kien rritu u null stante tardività, talab lit-Tribunal sabiex jiċħad l-imsemmi appell u dan bl-ispejjeż kontra l-appellant.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***Ikkonsidra:***
>
> *Permezz ta' stimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.02.09-31.12.09, 01.01.10-31.03.10, 01.04.10-30.06.10, 01.07.10-30.09.10, 01.10.10-31.12.10, 01.01.11-31.03.11, 01.04.11-30.06.11, 01.07.11-30.09.11, 01.10.11-31.12.11, 01.01.12-31.03.12, 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.04.13-30.06.13, 01.07.13-30.09.13 (fn. 6 Fol. 28 sa' 43 tal-proċess), il-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi l-ħlas tas-somma ta' €100,538.19 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mas-somma ulterjuri*

*ta' €20,317.65 rappreżentanti penali amministrattivi u s-somma ta' €12,028.65 rappreżentanti imgħax, komplessivament ammontanti għal* ***€132,884.49****. Ir-Rikorrent ħassu aggravat bil-ħruġ tal-imsemmija stimi fil-konfront tiegħu u interpona dan l-appell minnhom permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-istimi hekk maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi kif ukoll li jħassar u jirrevoka, in toto jew in parte, il-penali amministrattivi u l-imgħaxijiet imposti fuqu mill-imsemmi Kummissarju.*

*Ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.02.09-30.09.13 fuq is-segwenti aggravji: (i) diversi invoices li ġew ippreżentati minnu ma ġewx aċċettati mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan mingħajr raġuni valida; (ii) huwa ma ngħatax biżżejjed informazzjoni u opportunità mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jistħarreġ u jirregola ruħhu dwar l-invoices li allegatament m'humiex tajbin għall-finijiet tal-*final assessment*; (iii) l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi huma għal kollox arbitrarji u b'hekk ma jirriflettux b'mod reali u ġust is-sitwazzjoni fiskali tiegħu fil-perijodi relattivi.*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.02.09-30.09.13 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) in linea preliminari, l-appell huwa rritu u null in kwantu tardiv; (ii) in vista tan-nuqqas tar-Rikorrent li jipprovdi d-dokumentazzjoni lilu mitluba, f'dan il-każ għandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta; u (iii) fil-mertu, l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*B'din id-deċiżjoni qed jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjoni tat-tardività tal-appell u l-eċċezzjoni a tenur tal-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevati mill-Kummissarju tat-Taxxi.*

***Tardività tal-appell:***

*Ai termini tal-Partita 2(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta:* appell kontra stima ma jkunx validu sakemm: (a) denunzja fuq it-taxxa tal-perijodu li għaliha tirreferi l-istima tkun intbagħtet lill-Kummissarju qabel ma jinġieb l-appell; (b) kull taxxa pagabbli mill-appellant li m'hemmx kwistjoni dwarha tkun ġiet imħallsa; (ċ) **tkun saret fi żmien tletin ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż li kontrih isir l-appell** (*fn. 7 Enfasi tat-Tribunal)* (d) tkun saret fil-forma u bil-mod kif preskritt taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva; u (e) jkun sar ħlas ta' dritt biex jiġi intavolat appell kif preskritt taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

*Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta b'mod ċar li appell minn stimi dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud maħurġa mill-Kummissarju tat-Taxxi għandu jiġi ippreżentat fi*

*żmien tletin (30) ġurnata mid-data tan-notifika tal-istess stimi lit-taxpayer. Mill-atti proċesswali - senjatament mid-dokument a fol. 27 tal-proċess u mix-xhieda ta' Roderick Zammit Randich (fn. 8 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' April 2016, fol. 61 u 62 tal-proċess) - jirriżulta li l-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent ġew notifikati fl-1 ta' Awwissu 2015 u l-appell odjern ġie intavolat fil-25 ta' Settembru 2015, ossia ben oltre t-terminu stautorju ta' tletin (30) ġurnata min-notifika tal-istimi.*

*Ir-Rikorrent jipprova jissostanzja l-validità tal-appell minnu intavolat mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.02.09-30.09.13, billi jikkontendi li l-imsemmija stimi, għad illi notifikati fl-indirizz residenzjali tiegħu, ma ġewx notifikati la lilu personalment - hekk kif provdut fl-Artikolu 73(2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta - u lanqas lil membru tal-familja jew tad-dar tiegħu jew lil xi ħadd fis-servizz tiegħu jew awtorizzat jirċievi l-posta tiegħu - hekk kif provdut fl-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta - u huwa ġie a konoxxenza ta' dawn l-istimi biss fid-29 ta' Awwissu 2015. Jikkontendi għalhekk li t-terminu għall-preżentata tal-appell odjern beda jiddekorri minn dakinhar li ġie a konoxxenza tal-istimi u mhux mill-1 ta' Awwissu 2015, bil-konsegwenza li l-appell de quo ma huwiex tardiv.*

*In sostenn tal-pretensjoni tiegħu r-Rikorrent (fn. 9 Affidavit tar-Rikorrent, Dok. "KGP1" a fol. 69 tal-proċess) iddikjara li fid*-29 ta' Lulju 2015 jien kont sifirt ma' sħabi bid-dgħajsa tagħhom u konna ddeċidejna li nduru fil-Mediterran. Konna rritornajna lura fid-29 ta' Awwissu 2015. Tul din il-btala, peress li ma kontx qiegħed ngħix fil-proprjetà tiegħi kont ippermettejt lill-ħabib tiegħi, il-Kurunell Usiko Serey Fedorovich u ħabiba tiegħu sabiex jirrisjedu fid-dar tiegħi ġewwa San Pawl tat-Tarġa, u cioè 20, Villa Fairview, Triq V. Boron, San Pawl tat-Tarġa. Ngħid li fil-perijodu ta' bejn id-29 ta' Lulju 2015 u d-29 ta' Awwissu 2015, jiena ma kontx ninsab fil-Gżejjer Maltin. Ngħid ukoll li meta irritornajt lura d-dar kont sibt ammont sostanzjali ta' posta, fosthom anke d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-VAT li qiegħed nappella f'dawn il-proċeduri. Niftakar li kienet il-ġurnata tas-Sibt u t-Tnejn ta' wara kont ċempilt u fiżikament mort id-Dipartiment tal-VAT fejn hemmhekk kont kellimt lil ċertu Albert Galea u qalli li skont huma, jiena kont ġejt notifikat bid-deċiżjoni fl-1 ta' Awwissu 2015 u li allura kelli sa dakinhar, l-1 ta' Settembru 2015, sabiex nappella minn dik id-deċiżjoni. X'ħin smajt hekk, għamilt appuntament mal-avukat tiegħi sabiex nappella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-VAT. Ngħid li għalkemm il-posta kien irċeviha l-Kurunell Usikov waqt li kien qiegħed jirrisjedi fil-proprjetà tiegħi, jien sirt konsapevoli ta' dik id-deċiżjoni fid-29 ta' Awwissu 2015. Jien kont ukoll kellimt lill-Kurunell Usikov, u kien ikkonferma li kien iffirma għal xi ittra però li ma kienx jaf x'inhi peress li ma jafx bl-Ingliż. Hu qalli li kien ħallihieli d-dar fejn naraha u fil-fatt jien kont sibtha d-dar *(fn. 10 Affidavit tar-Rikorrent a fol. 69 tal-proċess).*

*Ir-Rikorrent esebixxa wkoll dikjarazzjoni ta' dan Usikov Sergey Fedorovich fejn iddikjara li* I, Usikov Serey Fedorovich, hereby confirm, that during the month of July-August 2015 I was invited to live at the private property located at the following address: Villa Fairview, 20, V. Boron Street, Naxxar, Malta, while Mr. XXX was absent at this location. One day of my stay in the house the doorbell rang and I opened the door. The postman gave me a sealed envelope, I signed the receipt and put an envelope in the house. I do not understand English, I do not remember, if told to Kurt about this as he was not living in the house at the time. I returned to Russia in the end of August 2015 and informed Kurt about it only after he asked me about it in the beginning of September 2015 *(fn. 11 Dok. "KGP3" u Dok. "KGP4" a fol. 77 u 78 tal-proċess.*

*Id-dikjarazzjoni oriġinali bil-lingwa Russa, esebita bħala Dok. "KGP4" a fol. 78 tal-proċess, ġiet iffirmata minn Usikov Sergey Fedorovich, liema firma però ma għandha assolutament xejn x'taqsam mal-firma fuq l-AR Card relattiva għan-notifika tal-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri a fol. 27 tal-proċess. Muri l-AR Card in kwistjoni, Usikov Sergey Fedorovich (fn. 12 Vide kontro-eżami ta' Usikov Sergey Fedorovich, seduta tat-8 ta' Novembru 2018, fol. 89 sa 91 tal-proċess) qal li l-firma fuq l-imsemmija AR Card tista' tkun il-firma tiegħu għaliex meta huwa ffirma kien qed iserraħ l-AR Card fuq idu peress li ma kellux mejda fejn iserraħ u jiffirma sew. Qal li* I recognise parts of the signature because it is a bit sort of messed up. *Muri d-dikjarazzjoni li huwa għamel u rinfaċċjat bid-differenza evidenti bejn il-firma tiegħu fuq dik id-dikjarazzjoni u l-firma fuq l-AR Card, Usikov Sergey Fedorovich iddikjara* it was in the morning and I was asleep. I signed on my hands and it was uncomfortable to sign for me. *Mistoqsi mill-ġdid jekk huwa jbiddilx il-firma tiegħu minn darba għall-oħra, wieġeb* the first signature, the big signature, on the important documents but usually like if the documents are not important I could make it maybe shorter or something. *Mistoqsi in ri-eżami kif kien id-dokument li iffirma, huwa wieġeb* it wasn't white. … Most probably it was thin.

*Fid-dawl tad-differenza notevoli li hemm bejn il-firma fuq l-AR Card u l-firma ta' Usikov Sergey Fedorovich fuq id-dikjarazzjoni tiegħu, liema differenza ma ġietx sodisfaċentement ġustifikata mir-Rikorrent fuq min finalment jinkombi l-oneru tal-prova li l-appell odjern ma huwiex tardiv, it-Tribunal diffiċilment jista' jemmen u jasal għall-konklużjoni li l-firma fuq l-AR Card relattiva għan-notifika tal-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri hija ta' Usikov Sergey Fedorovich kif allegat minnu u mir-Rikorrent. Il-firma fuq l-AR Card assolutament ma tistax titqies u ċertament ma hijiex* a messed up *jew* a shorter version *tal-firma ta' Usikov Sergey Fedorovich: hija biss firma*

*kompletament differenti mill-firma tiegħu, fatt dan li jispikka anke mas-sempliċi daqqa t'għajn lejn iż-żewġ firem.*

*Una volta Usikov Sergey Fedorovich allega li meta jiffirma huwa mhux dejjem jiffirma l-istess, ir-Rikorrent kellu l-obbligu nonche l-oneru li jipprova dan il-fatt. Tali prova però ma saritx bil-konsegwenza li t-Tribunal għandu quddiemu żewġ firem kompletament differenti li minnhom ma jistax jingħad u jiġi sodifaċentement konkluż li ġew magħmula mill-istess persuna u wisq inqas li l-firma fuq l-AR Card hija ta' Usikov Sergey Fedorovich kif allegat mir-Rikorrent.*

*It-Tribunal ma jistax jonqos milli jinnota li r-Rikorrent stess donnu jiddiletta f'li jiffirma b'mod differenti skont il-bżonn. Dan joħroġ ċar mill-firma tiegħu fuq l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Dok. "A", senjatament a fol. 14 tal-proċess, u l-firma tiegħu fuq l-AR Card a fol. 25 tal-proċess, liema AR Card kienet relattiva għan-notifika tal-istimi proviżorji maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent. Ħdejn din l-aħħar firma hemm iniżżel in-numru tal-Karta ta' l-Identità 243667(M), li huwa appuntu in-numru tal-Karta tal-Identità tar-Rikorrenti kif mogħti minnu stess fuq l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.*

*Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk fejn it-Tribunal għandu quddiemu sitwazzjoni fejn min-naħa l-waħda, ossia mill-atti proċesswali u mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi, jirriżulta li l-istimi maħruġa mill-Kummissarju fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.02.09-30.09.13 ġew notifikati fl-1 ta' Awwissu 2015 u l-appell odjern ġie ppreżentat iktar minn xahar u nofs wara, ossia fil-25 ta' Settembru 2015, u min-naħa l-oħra, ossia mill-provi prodotti mir-Rikorrent, persuna li jallega li fl-1 ta' Awwissu 2015 kien hu li ffirma għall-istimi in kwistjoni iżda l-firma fuq l-AR Card relattiva bl-ebda mod ma taqbel u tixxiebaħ mal-firma tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal ma għandux triq oħra għajr li joqgħod fuq dawk il-provi li huma iktar kredibbli, ossia appuntu l-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi li l-istimi mertu tal-proċeduri ġew notifikati fl-1 ta' Awwissu 2015 bil-konsegwenza li l-appell odjern intavolat fil-25 ta' Settembru 2015 huwa tardiv u b'hekk irritu u null.*

***L-eċċezzjoni a tenur tal-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta:***

*Raġġunta din il-konklużjoni t-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni a tenur tal-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi***".**

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-19 ta' Novembru, 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"...tħassar is-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet premessi u tordna li dan l-appell tal-istess appellant jiġi milqugħ u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti tħoss li huma xierqa u opportuni, inkluż illi tordna li l-atti tal-kawża jiġu rinvjati lura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex il-każ jitkompla quddiem l-istess Tribunal kompetenti.*
>
> *Bl-ispejjez kontra l-appellat"*

Jissottometti li l-aggravju tiegħu huwa li l-appell ma setax ikun wieħed tardiv ġaladarba huwa ma kienx ġie notifikat skont il-liġi.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Il-Kummissarju appellat wieġeb fid-9 ta' Diċembru, 2021 fejn preliminarjament irrileva l-improponibbiltà tal-appell odjern stante li dan m'għandu l-ebda bażi legali kif rikjest mis-subartikolu 47(1) tal-Kap. 406. Għal dak li jirrigwarda l-mertu, jgħid li l-appell huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk talab sabiex din il-Qorti tiċħdu.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti qabel xejn ser tikkonsidra s-sottomissjoni li qed jagħmel il-Kummissarju appellat, li l-appell intavolat mill-appellant huwa legalment improponibbli stante li ma jirrispettax id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 47(1)

tal-Kap. 406. Jispjega li wara li huwa kien ressaq eċċezzjoni fir-rigward tat-terminu tar-rikors tal-appell li sar quddiem it-Tribunal, dan kellu jiddetermina jekk in-notifika tal-istejjem kinitx waħda valida jew le. Il-Kummissarju appellat jiċċita l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal sabiex dan wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u jikkontendi li ċirkostanzi aktar fattwali minn dawn ma jistax ikun hemm.

9. Il-Qorti tgħid li l-Kummissarju appellat għandu raġun. L-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jiċċita s-subartikolu 73(2) tal-Kap. 406, u jagħmel enfażi fuq il-kliem *"Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja".* Jiddikjara li hija l-liġi stess li tagħti l-opportunità illi titressaq prova kuntrarja dwar in-notifika, u għalhekk il-Qorti tgħid li l-appell tiegħu, għalkemm jingħata d-dehra li huwa wieħed imsejjes fuq punt ta' liġi, effettivament huwa biss kontestazzjoni tal-fatti kif interpretati mit-Tribunal li kellu jiddeċiedi dwar l-iktar prova kredibbli ppreżentata rispettivament mill-partijiet.

10. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell odjern ma sarx fil-parametri stabbiliti permezz tas-subartikolu 47(1) tal-Kap. 406.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-appell odjern bħala irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu skont is-sentenza appellata, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**